**MALTA**

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-25 ta' Ġunju 2019**

**Paul & Rocco (Gżira) Limited**
**vs**
**Joseph u Rita konjuġi Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Paul & Rocco (Gżira) Limited ippreżentat fl-1 ta' Marzu, 2019 fejn Mariella Aquilina kkonfermat bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

> *"1.Illi permezz tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Mejju 2013 bin-numru ta' referenza 1508/2013 fl-ismijiet premessi, li saret ssabiex tirrendi numru ta' kambjali eżekuttivi ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 (kapja tal-ittra uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok A'), is-soċjeta rikorrenti ottjeniet titolu eżekuttiv għas-somma ta' elf, erba' mija u sitt Ewro u disgħa u tleitin ċenteżmu (EUR1,406.39), fil-konfront tal-intimati, liema debitu huwa rikonoxxut minn kambjali;*
>
> *2.Illi l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-intimati fid-29 ta' Mejju 2013, u għaldaqstant ma ġie ntavolat l-ebda rikors kif jipprovdi l-proviso għall-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *3. Illi sal-llum il-ġuranta u minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimati bqgħu inadempjenti fil-ħlas tal-ammont surriferit;*

*4. Illi skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv bħal dak li ottjeniet is-soċjeta' rikorrenti, wara l-għeluq ta' ħames snin minn dakinhar li fih skont il-liġi seta' jiġi eżegwit tista' ssir biss wara talba magħmula b' rikors quddiem il-qorti kompetenti;*

*5. Illi s-soċjeta' rikorrenti għandha interess li tkompli bl-eżekuzzjoni tal-imsemmi titolu eżekuttiv;*

*6. Illi għall-finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Liżijiet ta' Malta, is-soċjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' elf, erba' mija u sitt Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (EUR 1,406.39) flimkien mal-imgħaxijiet u spejjeż relattivi skont il-ligi għadhom dovuti stante li ma sar ebda pagament relattiv għall-kambjali hemm indikati.*

*Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti qegħda umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, a tenur tal-artikolu 258(c) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jogħġobha tawtorizża l-eżekuzzjoni tat-totolu eżekuttiv.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Mejju 2013 bin-numru ta' referenza 1508/2013 u bl-imgħaxxijiet ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament."*

Rat li l-intimati kienu notifikati fit-13 ta' Marzu 2019.

Rat li l-intimat Joseph Pace Carmel deher fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 u ngħata żmien biex ikellem avukat ta' fiduċja iżda wara dik is-seduta, l-istess intimat qatt ma reġa' deher quddiem il-Qorti għall-ebda waħda mis-seduti ffissati.

Rat li l-istess intimati ma ppreżentaw l-ebda risposta għar-rikors tas-soċjeta rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi d-dokumenti esebiti mis-soċjeta rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda prodotta inkluża dik ta' Mariella Aquilina in rappreżentanza ta' Paul & Rocco (Gżira) Ltd li kkonfermat bil-ġurament illi saru xi pagamenti u l-ammont niżel ghas-somma ta'

ħames mija u erbgħa u sittin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR 564.24) bħala kapital dovut filwaqt li l-interessi telgħu għas-somma ta' mitejn u ħdax-il Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (EUR 211.99).

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2019 ir-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti qiegħda titlob permezz ta' din il-proċedura ai termini tal-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li sett ta' kambjali li kienu saru titoli eżekuttivi ai termini tal-imsemmi Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, jerġgħu jsiru eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv minħabba li għaddew aktar minn ħames snin mindu setgħu jiġu eżegwiti.

Ai termini tal-liġi sabiex kambjali jew promissory notes skont il-Kodiċi tal-Kummerċ ikollhom effett eżekuttiv, il-liġi trid li ma jkun ġie intavolat l-ebda rikors mill-persuna li topponi l-eżekuzzjoni kif jipprovdi l-proviso għall-Art. 253(e) tal-Kap 12.

It-titolu eżekuttiv li għadda minn fuqu ż-żmien stipulat mil-liġi skont l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, jiġi rriavvivat biex il-kreditur ikun f'pożizzjoni li jirrendih eżegwibbli mill-ġdid tramite din il-proċedura odjerna.

Billi jidher li għaddew aktar minn ħames snin minn meta setgħu jiġu eżegwiti il-kambjali inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftaħ din il-proċedura li għandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu eżekuttiv u konsegwentement l-eżegwibbiltà tiegħu skont l-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12.

lli kif ġie spjegat s-sentenza deċiża t-12 ta' April, 2012 fl-ismijiet **<u>Bank of Valletta plc vs Refco Co Ltd u Paul u Marika miżżewġin Ciantar</u>**:

> *"irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati".*

**Decide**

Din il-Qorti tinsab sodisfatta li t-talba tar-rikorrent hija mistħoqqa u skont il-liġi.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u qiegħda fit-termini tal-Art. 258 tal-Kap 12, tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li s-soċjeta rikorrenti kienet ottjeniet fil-konfront tal-intimati in virtù tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numru 1508/2013, għall-bilanċ li għadu dovut mill-intimati.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimati.

| | |
|---|---|
| **Dr Simone Grech** | **Karen Falzon** |
| **Maġistrat** | **Deputat Registratur** |